DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/1550

tal-25 ta' Lulju 2023

li taħtar membru supplenti, propost mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Ġermaniż,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fl-10 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/2157 ([2]), li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025.

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġie propost għall-ħatra s-Sur Peter KURZ ser isir vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni mit-3 ta' Awwissu 2023.

(4) Il-Gvern Ġermaniż ippropona lis-Sur Wolfram LEIBE, rappreżentant ta' korp lokali li għandu mandat elettorali ta' awtorità lokali, *Oberbürgermeister der Stadt Trier* (Sindku tal-Belt ta' Trier), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mill-1 ta' Settembru 2023 sa tmiem il-mandat attwali fil-25 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Wolfram LEIBE, rappreżentant ta' korp lokali li għandu mandat elettorali, *Oberbürgermeister der Stadt Trier* (Sindku tal-Belt ta' Trier), huwa b'dan maħtur bħala membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni mill-1 ta' Settembru 2023 sal-25 ta' Jannar 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Lulju 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
L. PLANAS PUCHADES